

## IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3576/92

tas-7 ta' Diċembru 1992

**fuq id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" applikabbli għal ċerti prodotti minerali u għal ċerti prodotti kimiċi jew ta' l-industriji allejati, fil-qafas ta' tariffi preferenzjali mogħtija mill-Komunità lil pajjiżi terzi**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Billi l-Protokollu u l-Annessi <sup>(1)</sup> fuq id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva għall-applikazzjoni ta' arranġamenti ta' tariffi preferenzjali mogħtija mill-Komunità rigward importazzjoni minn pajjiżi terzi, teskludi ċerti prodotti minerali u ċerti prodotti kimiċi jew minn industriji allejati minn dan l-iskop, b'mod partikolari in rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini";

Billi, għall-prodotti tali kollha importati skond il-qafas ta' l-arranġamenti tat-tariffi preferenzjali, l-Istati Membri tal-Komunità jiddefinixxu l-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" skond ir-regoli nazzjonali tagħhom;

Billi s-suq intern jikkompreni żona mingħajr fruntieri interni li fiha, *inter alia*, l-moviment ħieles ta' l-oġġetti hu assigurat; billi għaldaqstant hu neċessarju li tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' disposizzjonijiet li jirrigwardaw id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" applikabbli għal ċerti prodotti minerali u għal ċerti prodotti kimiċi jew ta' industriji allejati fil-qafas ta' arranġamenti ta' tariffi preferenzjali mogħtija mill-Komunità lil pajjiżi terzi;

(<sup>1</sup>) Protokoll Nru 3 għall-Ftehim KEE-l-Awstrija, ĠU L 149, tal-15.6.1988, pġ. 5.  
 Protokoll Nru 3 għall-Ftehim KEE-il-Fillandja, ĠU L 149, tal-15.6.1988, pġ. 75.  
 Protokoll Nru 3 għall-Ftehim KEE-Islanda, ĠU L 180, tad-9.7.1988, pġ. 5.  
 Protokoll Nru 3 għall-Ftehim KEE-in-Norveġja, ĠU L 180, tad-9.7.1988, pġ. 75.  
 Protokoll Nru 3 għall-Ftehim KEE-l-Isvezja,, ĠU L 216, tat-8.8.1988, pġ. 5.  
 Protokoll Nru 3 għall-Ftehim KEE-l-Isvizzera, ĠU L 216, tat-8.8.1988, pġ. 75.  
 Protokoll Nru 3 għall-Ftehim KEE-Faeroes, ĠU L 371, tal-31.12.1991, pġ. 40.  
 Protokoll Nru 2 għall-Ftehim KEE-il-Marokk, ĠU L 264, tas-27.9.1978, pġ. 38.  
 Protokoll Nru 2 għall-Ftehim KEE-l-Alġerija, ĠU L 263, tas-27.9.1978, pġ. 40.  
 Protokoll Nru 2 għall-Ftehim KEE-it-Tuneżija, ĠU L 265, tas-27.9.1978, pġ. 38.  
 Protokoll Nru 3 għall-Ftehim KEE-l-Eġittu, ĠU L 266, tas-27.9.1978, pġ. 30.  
 Protokoll Nru 2 għall-Ftehim KEE-il-Ġordan, ĠU L 268, tas-27.9.1978, pġ. 24.  
 Protokoll Nru 2 għall-Ftehim KEE il-Libanu, ĠU L 267, tas-27.9.1978, pġ. 24.  
 Protokoll Nru 2 għall-Ftehim KEE is-Sirja, ĠU L 269, tas-27.9.1978, pġ. 22.  
 Protokoll għall-Ftehim KEE-Ċipru, ĠU L 339, tat-28.12.1977, pġ. 19.  
 Protokoll għall-Ftehim KEE-Malta, ĠU L 111, tat-28.4.1976, pġ. 11.  
 L-Anness għad-Deċizzjoni Nru 2/76 li jemenda l-Protokoll Nru 3 għall-Ftehim KEE-l-Iżrael, ĠU L 190, tad-29.7.1977, pġ. 3.  
 Protokoll Nru 1 għar-Raba' Konvenzjoni ACP-KEEC, ĠU L 229, tas-17.8.1991, pġ. 134.  
 Protokoll Nru 4 għall-Ftehim KEE il-Polonja, ĠU L 114, tat-30.4.1992, pġ. 68.  
 Protokoll Nru 4 għall-Ftehim KEE-CSFR, ĠU L 115, tat-30.4.1992, pġ. 83.  
 Protokoll Nru 4 għall-Ftehim KEE-l-Ungerija, ĠU L 116, tat-30.4.1992, pġ. 155.

Billi għall-prodotti hawn fuq imsemmija l-kondizzjonijiet għandhom jiġu ddefiniti li bihom jakkwistaw status ta' oriġini għall-għanijiet ta' l-arranġamenti tat-tariffi preferenzjali msemmija aktar 'il fuq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Għall-għanijiet ta' l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet relatati ma' l-arranġamenti tat-tariffi preferenzjali mogħtija mill-Komunità in rigward ta' ċerti prodotti minerali u ta' ċerti prodotti kimiċi jew ta' industriji allejati elenkati fl-Anness li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Awstrija, minn Ċipru, miċ-Ċekoslovakkja, mill-Eġittu, mill-Faeroes, mill-Fillandja, mill-Ungerija, mill-Islanda, mill-Iżrael, mill-Ġordan, mil-Libanu, minn Malta, mill-Marokk, min-Norveġja, mill-Polonja, mill-Isvezja, mill-Isvizzera, mis-Sirja, mit-Tuneżija, u mill-Istati ACP (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "pajjiżi benefiċjarji jew territorji"), li għejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw minn pajjiżi jew territorji benefiċjarji:

- (a) prodotti miksuba kompletament minn pajjiż jew territorju benefiċjarju;
- (b) prodotti miksuba minn pajjiż jew territorju benefiċjarju, li fil-manifattura tiegħu prodotti oħra għajr dawk speċifikati f'(a) (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa bħala "materjali li ma joriġinawx", intużaw, sakemm il-materjali kkonċernati nħadmu jew ġew ipproċessati suffiċjement fis-sens ta' l-Artikolu 3.

#### Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 1(a) li għejjin għandhom jitqiesu li nkisbu kompletament f'pajjiż jew f'territorju benefiċjarju:

- (a) prodotti tal-petrolju miksuba mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar tiegħu;
- (b) prodotti tal-petrolju miksuba mill-qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar 'il barra mill-ibħra territorjali, jekk dak il-pajjiż jew territorju benefiċjarju kellu, għall-għanijiet ta' esplojtazzjoni, drittijiet esklussivi għal dik il-ħamrija jew sottosuol;
- (c) prodotti tal-petrolju prodotti hemmhekk esklussivament minn prodotti speċifikati f'(a) u (b).

#### Artikolu 3

Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 1(b), materjali li ma joriġinawx għandhom jiġu kkunsidrati bħala li huma suffiċjement maħduma jew ipproċessati meta l-prodotti miksuba speċifikati fil-kolonna 1 u 2 tal-lista fl-Anness jissodisfaw il-kondizzjonijiet elenkati fil-kolonna 3.

#### Artikolu 4

Għall-għanijiet tal-Kodiċi HS ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403 msemmija fil-kolonna 1 ta' l-Anness, operazzjonijiet sempliċi bħal tindif, *decanting* tneħħija tal-melħ, is-separazzjoni ta' l-ilma, it-tisfija, l-għoti tal-kulur, l-immarkar, il-ksib ta' kontenut sulfuriku bħala riżultat tat-taħlit ta' prodotti b'kontenut ta' kubrit differenti, kull kombinazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet jew operazzjonijiet simili ma jikkonferixxux l-oriġini.

#### Artikolu 5

1. Kwantu għad-disposizzjonijiet tal-Protokollu u l-Annessi dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva għall-applikazzjoni ta' arranġamenti ta' tariffi preferenzjali mogħtija mill-Komunità lil pajjiż jew territorju benefiċjarju ma jkunux bdew japplikaw għall-prodotti riferiti fl-Anness hawn imsemmi, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1 u għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dawn id-disposizzjonijiet għandhom jgħoddu, *mutatis mutandis*, għal tali prodotti.

2. Fis-sens tad-disposizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, dawk il-prodotti elenkati fl-Anness hawn fuq imsemmi li jiġu ttrasportati permezz ta' *pipeline* minn fuq territorju għajr dak tal-pajjiż jew territorju benefiċjarju għandhom jiġu kkunsidrati ukoll bħala li ġew ittrasportati direttament minn pajjiż jew territorju benefiċjarju esportatur fil-Komunità.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar 1993.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Diċembru 1992.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

D. HURD

---

## ANNEX

Kodiċi HS	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħdim jew ipproċessar li jsir fuq materjali li ma joriġinawx illi jikkonferixxi status ta' oriġini
1	2	3
ex 2707	<p>Żjut li l-piż tal-kostitwenti aromatiċi tagħhom jeċċedi l-kostitwenti non-aromatiċi, billi jkunu żjut simili għal żjut minerali miksuba billi jiġi ddistillat f'aħam tal-qatran f'temperatura għolja li minnu aktar minn 65 % bil-volum jiddistilla f'temperatura sa 250 °C (li jinkludi taħlita ta' spirti tal-petroleum u benzole) biex jintużaw għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija jew karburanti għat-tisħin.</p>	<p>Operazzjonijiet għar-raffinar u/jew iżjed proċessi speċifiċi skond l-Anness 1.</p> <p>Operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura oħra għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jiġu użati sakemm il-valur tagħhom ma jeċċedix 50 % tal-prezz tal-prodott <i>ex-works</i>.</p>
ex 2709	<p>Żjut mhux maħduma miksuba minn materjali bituminużi.</p>	<p>Distillazzjoni distruttiva ta' materjali bituminużi.</p>
2710-2712	<p>Żjut tal-petroleum u żjut miksuba minn materjali bituminużi, għajr għal żjut mhux maħduma; preparazzjonijiet mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor, li jkollhom bil-piż 70 % jew aktar ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut miksuba minn materjali bituminużi, dawn iż-żjut jikkostitwixxu l-kostitwenti bażiċi tal-preparazzjonijiet.</p> <p>Gassijiet tal-petroleum u idrokarburanti gassużi oħra.</p> <p><i>Petroleum</i> ġelli; xema' tal-<i>paraffin</i>, <i>microcrystalline petroleum wax</i>, <i>slack wax</i>, <i>ozokerite</i>, <i>lignite wax</i>, <i>peat wax</i>, u xemgħat oħra minerali u prodotti simili miksuba permezz ta' proċessi sintetiċi jew oħrajn kemm jekk ikkulluriti jew le.</p>	<p>Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess jew proċessi speċifiċi skond l-Anness 2.</p> <p>Operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jiġu użati sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx 50 % tal-prezz tal-prodott <i>ex-works</i>.</p>
2713-2715	<p><i>Petroleum coke</i>, bitumen tal-petroleum u residwi oħra ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut miksuba minn materjali bituminużi.</p> <p>Bitumen u asfalt, naturali; żejt bituminuż jew żejt miksub mill-blat imfarrak u qatran miksub mir-ramel; <i>asphaltites</i> u blat asfaltiku.</p> <p>Taħlitiet bituminużi bbażati fuq l-asfalt naturali, fuq il-bitumen naturali, fuq il-bitument tal-petroleum fuq il-qatran naturali u fuq il-qatran taż-żift minerali.</p>	<p>Operazzjonijiet tar-raffinar u/jew proċess speċifiku jew aktar proċessi speċifiċi skond l-Anness 1.</p> <p>Operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodotti. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx 50 % tal-prezz tal-prodott <i>ex-works</i>.</p>
ex 2901	<p>Idrokarburanti <i>acyclic</i> għall-użu għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija u bħala karburanti għat-tisħin.</p>	<p>Operazzjonijiet għar-raffinar u/jew ta' proċess wieħed jew iżjed skond l-Anness 1.</p> <p>Operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intesatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx 50 % tal-prezz tal-prodott <i>ex-works</i>.</p>
ex 2902	<p><i>Cyclanes</i> u <i>cyclenes</i> (għajr għal <i>azulenes</i>), benzina, <i>toluene</i>, <i>xylenes</i>, għalbiex jiġġeneraw l-enerġija jew biex jintużaw bħala karburanti għat-tisħin.</p>	<p>Operazzjonijiet għar-raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew iżjed skond l-Anness 1.</p> <p>Operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx 50 % tal-prezz tal-prodott <i>ex-works</i>.</p>

Kodiċi HS	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħdim jew ipproċessar li jsir fuq materjali li ma joriġinawx illi jikkonferixxi status ta' oriġini
1	2	3
ex 3403	Preparazzjonijiet ta' lubrikazzjoni li jkollhom fihom żjut tal- <i>petroleum</i> jew żjut miksuba minn materjali bituminużi, sakemm ikollhom anqas minn 70 % f'piż.	Operazzjonijiet għar-raffinar u/jew ta' proċess wieħed jew iżjed skond l-Anness 1.  Operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr minn dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbix 50 % tal-prezz tal-prodott <i>ex-works</i> .
ex 3404	Xemgħat artifiċjali u xemgħat ippreparati b'bażi ta' <i>paraffin</i> , xemgħat tal- <i>petroleum</i> , xemgħat miksuba minn materjali bituminużi, <i>slack wax</i> jew <i>scale wax</i> .	Il-manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr għal dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura jistgħu jintużaw sakemm il-valur tagħhom ma jaqbix 50 % tal-prezz tal-prodott <i>ex-works</i> .
ex 3811	Additivi ppreparati għaż-żejt użat għal-lubrikazzjoni, li jkollhom fihom żjut tal- <i>petroleum</i> jew żjut miksuba minn materjali bituminużi.	Il-manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha ta' l-intestatura Nru 3811 użati ma jaqbix 50 % tal-prezz tal-prodott <i>ex-works</i> .

## ANNEX 1

Għall-għanijiet ta' l-intestaturi Nri ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 and ex 3403, il-“proċessi speċifiċi” huma li ġejjin:

- (a) distillazzjoni bil-vakwu;
- (b) redistillazzjoni minn proċess rigoruż ta' frazzjonizzazzjoni <sup>(1)</sup>;
- (ċ) cracking;
- (d) formazzjoni mill-ġdid;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;
- (f) il-proċess li jinkludi l-operati kollha li ġejjin: l-iproċessar bl-aċidu sulfuriku (spirtu tal-melħ) ikkonċentrat, anidridu ta' l-olju jew tal-kubrit; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur u purifikazzjoni bi trabijiet tal-blat attivi naturalment, faħam tal-kannol jew boksajt (*bauxite*) attivat;
- (g) polymerization;
- (h) alkylation;
- (i) isomerization.

—————

<sup>(1)</sup> Ara n-nota spjegattiva addizzjonali 4 (b) għall-Kapitolu 27 tan-nomenklatura magħquda.

## ANNEX 2

Għall-għanijiet ta' l-intestaturi Nri 2710 sa 2712, il-“proċessi speċifiċi” huma li ġejjin:

- (a) distillazzjoni bil-vakwu;
- (b) id-distillazzjoni għal darb' oħra permezz ta' proċess ta' frazzjonalizzazzjoni b'rigorizità kbira <sup>(1)</sup>;
- (c) cracking;
- (d) reforming;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;
- (f) il-proċess li jinkludi l-operati kollha li ġejjin: l-iproċessar bl-aċidu sulfuriku (spirtu tal-melħ) ikkonċentrat, anidridu ta' l-olju jew tal-kubrit; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur u purifikazzjoni bi trabijiet tal-blat attivi naturalment, faħam tal-kannol jew boksajt ('bauxite') attivati;
- (g) polymerization;
- (h) alkylation;
- (ij) isomerizzazzjoni;
- (k) in rigward ta' żjut tqal illi jaqgħu taħt l-intestatura Nru ex 2710 biss, id-desulfurizzazzjoni bl-idroġenu li tirriżulta f'riduzzjoni ta' mill-anqas 85 % tal-kontenut sulfuriku tal-prodotti pproċessati (metodu ASTM D 1266-59 T);
- (l) in rigward ta' prodotti li jaqgħu fi ħdan l-intestatura Nru 2710 biss, it-tneħħija tal-pitrolju permezz ta' proċess ta' xort'oħra għajr dak tat-tisfija;
- (m) in rigward ta' żjut tqal li jaqgħu taħt l-intestatura Nru ex 2710 biss, it-trattament bl-idroġenu bi pressjoni ta' aktar minn 20 bar u f'temperatura ta' aktar minn 250 °C bl-użu ta' katalist, għajr sabiex tinkideb id-desulfurizzazzjoni, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. It-trattament oltre bl-idroġenu ta' żjut lubrikattivi taħt l-intestatura Nru ex 2710 (e.g. *hydrofinishing* jew it-tneħħija tal-kulur) sabiex, speċjalment, biex itejjeb il-kulur u l-istabbiltà m'għandux, madankollu, jitqies bħala proċess speċifiku;
- (n) fejn għandhom x'jaqsmu ż-żjut ta' karburant li jaqgħu fi ħdan l-intestatura Nru ex 2710 biss, id-distillazzjoni atmosferika, b'kondizzjoni li inqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti jisaffew, b'volum, inkluż it-telf, bi 300 °C permezz tal-metodu ASTM D 86;
- (o) in rigward ta' żjut tqal għajr għal żjut tal-gass u karburanti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru ex 2710 biss, trattament permezz ta' *high-frequency electrical brush-discharge*.

---

<sup>(1)</sup> Ara n-nota spjegattiva addizzjonali 4 (b) għall-Kapitolu 27 tan-nomenklatura magħquda.